**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 31 – IT-TNEJN, 13 TA' OTTUBRU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 30**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.1 Rigward 5.1, is-Sinjura Marica Bayliss staqsiet jekk inxtrawx il-bollards għall-użu tal-pulizija li jkun mal-iskola meta t-triq tkun magħluqa. Is-Sur Dominic Cassar għandu jikkomunika mal-pulizija biex jara x'hemm bżonn jinxtara.

**3 Pagamenti Numru 27**

3.1 Pagament numru 21 u 22 għandhom jinżammu sakemm is-Sur Dominic Cassar jikkonferma li l-kulvert fi Triq il-Mensija tnaddaf sew. Is-Sur Cassar għandu jikkomunika mas-Segretarju meta x-xogħol ikun sar biex jinħargu l-pagamenti.

3.2 Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet ukoll fuq il-pagamenti lill-Librarian tal-Kunsill. Ġie innutat li qed isir overtime waqt li fl-istess hin hemm kotba għadhom fil-

kaxxa. Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li tinħareg sejħa għal librara ġdida. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

3.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġie innutat il-ħsara fil-hand railings fil-Ġnien tal-Kappara. Ġie deċiż li jsir ix-xogħol malajr kemm hu possibbli.

4.2 Ġiet innutata s-somma ta' 9036.96 Ewro li gew iddepożitati fil-kont tal-Kunsill minħabba l-Collective Agreement fil-pagi għall-perjodu 2012 u 2016.

4.3 Ġiet innutata r-risposta ta' TM għall-ittra tal-Kunsill. Għandha tintbagħat risposta biex nikkonfermaw li t-tabella għadha ma twaħħlitx, u li l-Kunsill ma jaqbilx li t-traffic barrier ser ikun perikoluż.

4.4 Ġiet diskussa ittra mill-familja Vella minn Triq il-Ballut. Is-Sinjura Marica Bayliss għandha tiltaqa' mal-kuntrattur biex jiġi ndirizzat dan l-ilment.

**5 Affarjiet oħra**

5.1 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex isiru rampi tal-aċċessibbiltà fi Triq il-Ballut. Għandha tintalab stima ta' dan ix-xogħol. Hi talbet ukoll biex isir refreshing ta' xi marki tat-toroq fi Triq iż-Żnuber.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li hemm familja minn Ta' Żwejt li lesti jospitaw il-lezzjonijiet tal-iSpeech Therapy fil-propjetà tagħhom biex in-nies m'hemmx għalfejn imorru l-Għargħur. Għandu jiġi kkomunikat id-Direttur tal-iSpeech Therapists.

5.3 Is-Sur Dominic Cassar talab biex jiġu kkonfermati l-konfini tal-Kunsilll fi Triq San Ġiljan. Hu talab ukoll biex isiru double yellow lines fi Triq il-Lunzjata minħabba li hemm wieħed li jkollu diffikultà joħroġ mill-garage tiegħu. Għandha ssir site visit fuq dan. Ġie deċiż li tinġabar stima għall-ħsara li sar fuq il-hajt wara l-iskips tar-reċiklar fi Triq l-Istefanotis. Dan għandu jiġi mgħoddi lil Greenpak. Ġie deċiż ukoll li jintalab stima għal bollards għal din is-sit. Kien hemm qbil li jsir it-tindif tal-kulvert fi Triq iż-Żebbuġ / Triq iċ-Ċawsli. Kien hemm qbil ukoll biex titneħħa s-siġra minn Triq l-Ibiskus minħabba l-ħsara li qed isir. Kien hemm qbil ukoll biex jinxtara ġebel biex jinbidel iċ-ċint fi Triq Bella Vista. Għandha tintalab stima għal xogħol ta' ġebel fil-passaġġ fi Triq is-Seqer.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier** **Etienne Bonello Du Puis**